**IL-KUMITAT DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI JILTAQA' MAL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL**

*"L-akbar preokkupazzjoni tiegħi hija l-ansjetà u t-trawma ta' tfal li għandhom il-ġenituri qed jisseparaw legalment fil-Qrati...."*

Dan intqal mill-Kummissarju tat-Tfal, Carmen Zammit meta ġiet mistoqsija mill-Onor. Edwin Vassallo, Chairman tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rapprezentanti, fuq x'inhi l-akbar preokkupazzjoni tagħha bħala Kummissarju għat-Tfal.

Fil-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2007 tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal lill-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali, hekk kif rikjest fl-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal (Kap 463, Art19), il-Kummissarju tat-Tfal semmiet ix-xogħol li wettaq dan l-Uffiċċju. Fosthom insibu l-manifest għat-tfal, it-tfal li jgħixu f'kura residenzjali, l-edukazzjoni u għarfien pubbliku dwar id-drittijiet tat-tfal, il-w*ebsite*, u l-ħarsien ta' minorenni minn kontenut awdjo-viżiv ta' ħsara.

Intant l-Onor. Edwin Vassallo spjega kif f'laqgħa preparatorja ma' Carmen Zammit sar qbil biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet pendenti li joħorġu mir-Rapport Annwali tal-2007. Dawn jinkludu n-nuqqas ta' strutturi nazzjonali u politika nazzjonali tat-tfal, l-inkorporazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal fil-leġislazzjoni Maltija, l-Att dwar it-Tfal, il-Qrati, l-edukazzjoni u l-i*sports*, is-saħħa, *body piercing* u l-bejgħ ta' alkoħol lill-minorenni, kura residenzjali, esklużjoni soċjali u miżuri favur il-familja.

L-akbar preokkupazzjoni tal-Kummissarju huma l-kawżi fil-Qrati li jinvolvu t-tfal. In-numru ta' ilmenti li tpoġġew għall-attenzjoni tal-Uffiċċju huwa kbir. Il-Kummissarju spjegat kif id-dewmien fil-Qrati u l-impatt psikoloġiku, emozzjonali u soċjali negattiv fuq it-tfal huwa ta' tħassib kbir. It-tfal għandhom jingħataw vuċi fil-Qorti. Barra minn hekk, ix-xewqat tagħhom għandhom jingħataw l-importanza li tistħoqqilhom, fuq kollox meta jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-interessi u l-ġid preżenti u futuri tagħhom. Il-Kummissarju tat-Tfal semmiet eżempji kif tul il-proċess tas-separazzjoni legali, il-ġenituri qed jużaw lit-tfal għall-interessi tagħhom. **L-interessi tal-kbar m'għandhom qatt jiġu qabel l-interessi tat-tfal.**

Għal-laqgħa kienu preżenti l-Onor. Frederick Azzopardi, l-Onor. Justyne Caruana, l-Onor. Michael Farrugia u l-Onor. Anthony Zammit, flimkien ma' rappreżentanti mill-Ministeri tal-Ġustizzja u l-Intern; Politika Soċjali; u Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sports.

Flimkien ġie diskuss kif il-Kumitat imur lil hinn mix-xogħol ta' skrutinju u ser iservi bħala mekkaniżmu parlamentari u politiku sabiex il-kwistjonijiet pendenti li ħarġu mir-Rapport Annwali jiġu diskussi mal-Ministeri rispettivi. Eventwalment dawn id-diskussjonijiet għandhom jiffaċilitaw soluzzjonijiet li jpoġġu l-interessi tat-tfal fuq quddiem.

**DOI – 26.11.2008**